MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Numru 1011/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Chris Pullicino)**

**vs**

**Karl Pace**

**Illum 30 t'April, 2004**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Karl Pace** ta' 17-il sena, bin Charles u Anna *nee'* Galea, mwieled Pieta' fid-19 ta' Dicembru, 1985, u joqghod 'Amorena', Mill Street, Mosta, u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 28686 M kif riportata a fol 1 tal-process bil-mod segwenti:

(a) talli fl-1 ta' Lulju, 2003, xi hin wara nofsihnar fl-Ghadira, limiti tal-Mellieha, kkommettejt serq ta' diversi oggetti fosthom cellular phone minn fuq il-bajja, liema serq

huwa kkwalifikat bil-valur li huwa izjed minn mitt lira izda ma jiskorriex l-elf lira Maltin ghad-dannu ta' Alexander Portelli u John Azzopardi;
(b) talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement lqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa li l-valur taghhom na jaccediex l-elf lira Maltin li gew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew ukoll barra minn Malta , jew xjentement b'kull mod li jkun ndhalt biex tbieghhom jew tmexxiehom;
(c) talli fl-istess data, hin u cirkostanzi f'diversi mkejjen f'dawn il-Gzejjer soqt vettura numru FBA 972 minghajr ma kellek licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta u b'hekk ma kontx kopert bi polza tas-sigurta dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

Rat il-kunsens tal-avukat generali skond l-artikolu 370 (4) tal-Kap 9 sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Rat in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat dwar l-ewwel u t-tielet akkuza;
Rat l-atti kollha tal-kawza u fuq ammissijoni issib lill-imputat hati tal-ewwel u tat-tielet akkuza. Stante li t-tieni akkuza hija wahda alternattiva, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha;

Wara li rat l-artikoli 261, 267, 279 tal-Kap 9, 15 (1) (a) tal-Kap 65 u 3 tal-Kap 104;

Wara li rat il-fedina penali netta tal-imputat u tenut kont li kien ghadu minorenni fid-data tal-kommissjoni tar-rejat, bl-applikazzjoni tal-artikolu 37 tal-Kap 9, il-Qorti qed tilliberah bil-kondizzjoni li ma jghamilx rejat iehor sa zmien sena mil-lum ai termini tal-artikolu 22 tal-kap 446 u dan dwar l-ewwel akkuza, filwaqt illi tikkundannah ghal-hlas ta' ammenda ta' Lm25 dwar it-tieni akkuza (piena mnaqqsa bi grad skond l-art 37 kap 9) u inoltre tiskwalifikah milli

jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal-zmien sitt xhur mil-lum.

Il-Qorti fissret l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------